Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)

10798/22

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0207(COD)**

**CLIMA 339**
**ENV 695**
**AVIATION 151**
**MI 524**
**IND 269**
**ENER 348**
**CODEC 1050**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 10509/22 ADD 2 |
| Nru dok. Cion: | 10917/21 - COM (2021) 552 final |
| Suġġett: | Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"<br>Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u li timplimenta b'mod xieraq miżura globali bbażata fuq is-suq<br>– Approċċ ġenerali |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż, għall-informazzjoni, it-test li fuqu l-Kunsill Ambjent laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta ta' hawn fuq fit-3887 laqgħa tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Ġunju 2022.

Il-bidliet għall-verżjoni preċedenti tat-test (id-dokument 10509/22 ADD 2), kif jirriżultaw mid-diskussjoni fil-Kunsill, huma indikati b'**tipa grassa u sottolinjati**. Il-bidliet preċedenti għall-proposta tal-Kummissjoni huma sottolinjati. It-test imħassar huwa mmarkat b'tipa grassa bħala **[…]**.

**ANNESS**

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**
**li temenda d-Direttiva 2003/87/KE**
**fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni**
**u li timplimenta b'mod xieraq miżura globali bbażata fuq is-suq**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

---

[1] ĠU C , , p. .
[2] ĠU C , , p. .

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] stabbiliet sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, sabiex tippromwovi t-tnaqqis tal-gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti. L-attivitajiet tal-avjazzjoni ġew inklużi fis-sistema tal-UE ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet bid-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4].

(2) Il-Ftehim ta' Pariġi, adottat f'Diċembru 2015 fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) daħal fis-seħħ f'Novembru 2016 ("il-Ftehim ta' Pariġi")[5]. Il-partijiet tal-Ftehim ta' Pariġi qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1.5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, is-setturi kollha tal-ekonomija jeħtieġ li jikkontribwixxu għall-kisba ta' tnaqqis fl-emissjonijiet, inkluża l-avjazzjoni internazzjonali.

(3) Il-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) adotta l-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Ħarsien Ambjentali - Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) (l-Anness 16, il-Volum IV tal-Konvenzjoni ta' Chicago) fl-għaxar laqgħa tal-214-il sessjoni tiegħu fis-27 ta' Ġunju 2018. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkomplu jappoġġaw l-iskema CORSIA u huma impenjati li jimplimentawha mill-bidu tal-fażi pilota 2021-2023[6].

---

[3] Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

[4] Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (*ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3).*

[5] Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

[6] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/954 tal-25 ta' Ġunju 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tan-notifika tal-parteċipazzjoni volontarja fl-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) mill-1 ta' Jannar 2021 u tal-għażla magħmula għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kumpens tal-operaturi tal-ajruplani matul il-perjodu 2021-2023 (ĠU L 212, 3.7.2020, p. 14).

(4) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027[7], l-Istati Membri nnotifikaw lis-Segretarjat tal-ICAO dwar id-differenzi bejn l-iskema CORSIA u l-EU ETS. L-objettiv kien li jiġu ppreservati l-*acquis* tal-Unjoni u l-ispazju ta' politika futur, kif ukoll il-livell tal-Unjoni ta' ambizzjoni klimatika u r-rwoli esklużivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fid-deċiżjoni tal-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Wara l-adozzjoni ta' din l-emenda għad-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li n-notifika tad-differenzi bejn l-iskema CORSIA u l-EU ETS lis-Segretarjat tal-ICAO tiġi aġġornata bit-tieni notifika tad-differenzi konsistenti mad-dritt tal-Unjoni biex tirrifletti r-reviżjonijiet magħmula lid-dritt tal-Unjoni.

(5) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar il-"Patt Ekoloġiku Ewropew", adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019[8].

(6) L-Unjoni intrabtet li tnaqqas l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra madwar l-ekonomija kollha tagħha b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030 fl-impenn għal tnaqqis determinat fuq livell nazzjonali aġġornat tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha sottomess lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-17 ta' Diċembru 2020[9].

(7) L-Unjoni naqqxet fil-leġiżlazzjoni l-mira tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050 fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10]. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030.

---

7 Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Ħarsien Ambjentali — Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 25).

8 COM(2019)640 final.

9 https://www4.unfccc.int/sites/ndcstaging/PublishedDocuments/European%20Union%20First/EU_NDC_Submission_December%202020.pdf

10 Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima) (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

(8) Din l-emenda għad-Direttiva 2003/87/KE għandha l-għan li timplimenta l-kontributi tal-Unjoni fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi għall-avjazzjoni, u tal-qafas regolatorju biex tintlaħaq il-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-klima għall-2030 ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % fuq livell domestiku tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-1990 sal-2030 stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/ … .

(9) L-avjazzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-isforzi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet meħtieġa għall-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030. Għalhekk, il-kwantità totali ta' kwoti għall-avjazzjoni jenħtieġ li tiġi kkonsolidata u soġġetta għall-fattur lineari ta' tnaqqis.

(10) Il-kisba taż-żieda fl-ambizzjoni klimatika ser tkun tirrikjedi li jiġu diretti kemm jista' jkun riżorsi għat-tranżizzjoni klimatika. B'riżultat ta' dan, id-dħul kollu mill-irkant li ma jkunx attribwit għall-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jintuża għal finijiet relatati mal-klima.

(11) F'konformità mal-Artikolu 28b(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Unjoni għandha tivvaluta l-iskema CORSIA tal-ICAO u timplimentaha kif xieraq, u b'mod li jkun konsistenti mal-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030 fl-ekonomija kollha.

(12) Il-kwantità totali ta' kwoti għall-avjazzjoni jenħtieġ li tiġi konsolidata fil-livell ta' allokazzjoni għal titjiriet li jitilqu minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE u li jaslu f'ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE, fl-Iżvizzera jew fir-Renju Unit. L-allokazzjoni għas-sena 2024 jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-allokazzjoni totali lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru attivi fis-sena 2023, imnaqqsa bil-fattur lineari ta' tnaqqis kif speċifikat fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87/KE. Jenħtieġ li l-livell ta' allokazzjoni jiżdied biex jitqiesu r-rotot li ma kinux koperti mill-EU ETS fis-sena 2023 iżda li huma koperti mill-EU ETS mis-sena 2024 'il quddiem.

(13) Jenħtieġ li ż-żieda fl-irkant mis-sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda għad-Direttiva 2003/87/KE tkun ir-regola għall-allokazzjoni tal-kwoti tas-settur tal-avjazzjoni, filwaqt li titqies il-kapaċità tas-settur li jgħaddi l-kost miżjud tas-$CO_2$. Jenħtieġ li jiġu implimentati t-tneħħija gradwali tal-allokazzjoni bla ħlas mill-2024 sal-2026 u l-irkant sħiħ mill-2027.

(13a) It-tranżizzjoni mill-użu tal-fjuwils fossili għall-użu dejjem akbar ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jkollha rwol x'taqdi fil-kisba tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bl-ajru. Madankollu, meta jitqies il-livell għoli ta' kompetizzjoni bejn l-operaturi ta' inġenju tal-ajru, is-suq tal-UE li qed jiżviluppa ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli u d-differenza fil-prezz kbira ħafna bejn il-pitrolju fossili u fjuwils alternattivi, jenħtieġ li dik it-tranżizzjoni tkun appoġġata minn taħlita ta' politiki min-naħa tal-provvista bħal [ir-Regolament RefuelEU Aviation] u min-naħa tad-domanda billi jiġu inċentivati dawk li jaġixxu kmieni b'appoġġ tranżizzjonali xieraq biex jitnaqqsu dawk id-differenzi kbar ħafna fil-prezz. Għalhekk, matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030, jenħtieġ li l-kwoti jiġu allokati b'mod simili għal kuntratti għal differenza, li jkopru parti mid-differenza fil-prezz kbira ħafna li jifdal bejn il-pitrolju fossili u l-fjuwils identifikati fl-Artikolu 4(1) ta' [ir-Regolament RefuelEU Aviation]. Jenħtieġ li dawk il-kwoti jqisu l-prezz tal-karbonju billi jippromwovu żieda fl-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, fi proporzjon mal-ammont ta' fjuwils użati kif irrappurtat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066). Għal dan il-għan, jenħtieġ li massimu ta' 20 miljun kwota jiġi riżervat mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030. Dawk il-kwoti jenħtieġ li jiġu mill-ġabra ta' kwoti totali disponibbli għall-avjazzjoni u jenħtieġ li jintużaw biss għal titjiriet koperti mill-EU ETS u b'mod nondiskriminatorju.

**(13b) Filwaqt li l-EU ETS tapplika għal titjiriet mill-2012 'l hawn, il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" jinkludi miżuri addizzjonali, li, flimkien mal-EU ETS, jista' jkollhom impatt kumulattiv fuq is-settur. Sabiex tiġi salvagwardjata l-konnettività bl-ajru għal titjiriet li jaqdu reġjuni insulari jew ajruporti żgħar, il-mekkaniżmu ta' din id-Direttiva biex titnaqqas id-differenza fil-prezz li tifdal bejn il-fjuwil tal-avjazzjoni konvenzjonali u l-alternattivi għalih, jenħtieġ li jillimita l-impatti negattivi fuq il-konnettività bl-ajru u jimmitiga r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Sal-2028, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta dwar l-effetti possibbli fuq il-konnettività.**

(14) Id-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li tiġi emendata wkoll fir-rigward ta' unitajiet ta' konformità aċċettabbli, biex jitqiesu l-Kriterji tal-Eliġibbiltà tal-Unitajiet ta' Emissjoni adottati mill-Kunsill tal-ICAO fil-216-il sessjoni tiegħu f'Marzu 2019 bħala element essenzjali ta' CORSIA. Il-linji tal-ajru bbażati fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw […] unitajiet għall-konformità għal titjiriet lejn jew minn pajjiżi terzi li jitqiesu li qed jipparteċipaw fl-iskema CORSIA. Sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni ta' CORSIA tal-Unjoni tappoġġa l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u tagħti inċentivi għal parteċipazzjoni wiesgħa lill-CORSIA, jenħtieġ li […] l-unitajiet joriġinaw minn Stati li huma partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi u li jipparteċipaw fl-iskema CORSIA, u jenħtieġ li jiġi evitat għadd doppju ta' […] unitajiet.

(15) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-użu ta' […] unitajiet f'konformità mal-Artikolu 11a tad-Direttiva 2003/87/KE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta lista tal-[…] unitajiet li jkunu ġew ikkunsidrati aċċettabbli mill-Kunsill tal-ICAO biex jintużaw għall-konformità ta' CORSIA, u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà ta' hawn fuq. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].

(16) Biex jiġi żgurat li jkunu stabbiliti arranġamenti meħtieġa għall-awtorizzazzjoni mill-partijiet parteċipanti, aġġustamenti f'waqthom għar-rapportar tal-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u assorbimenti minn bjar koperti mill-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali tal-partijiet parteċipanti, u l-evitar tal-għadd doppju u ta' żieda netta fl-emissjonijiet globali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi rekwiżiti dettaljati għal tali arranġamenti. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12].

---

11 Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

12 Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(17) […] Jenħtieġ li l-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kumpens għall-iskema CORSIA għall-[…]operaturi ta' inġenju tal-ajru bbażati fl-Unjoni [….] abbażi tat-tifsira tal-Istandards Nazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati tal-ICAO dwar il-Protezzjoni Ambjentali għall-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali, filwaqt li jitqies in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-iskema CORSIA għal titjiriet […] li jitilqu minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE u li jasal f' ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE, fl-Iżvizzera jew fir-Renju Unit […], bis-saħħa tal-prinċipju "clean cut". Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta metodoloġija għall-kalkolu filwaqt li tqis id-differenzi bejn dawk l-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati u d-Direttiva 2003/87/KE. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(18) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-elenkar ta' pajjiżi li huma kkunsidrati li qed japplikaw l-iskema CORSIA għall-finijiet tad-Direttiva 2003/87/KE skont l-Artikolu 25a(3) ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta u żżomm il-lista ta' Stati għajr pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u r-Renju Unit, li huma kkunsidrati li qed jipparteċipaw fl-iskema CORSIA għall-finijiet tad-dritt tal-Unjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(19) Peress li l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-iskema CORSIA għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru bbażati barra mill-Unjoni huma maħsuba li jappartjenu biss għall-pajjiż ta' oriġini ta' dawn l-operaturi ta' inġenju tal-ajru […], l-operaturi ta' inġenju tal-ajru bbażati barra mill-Unjoni jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa jikkanċellaw unitajiet għall-konformità tal-iskema CORSIA skont din id-Direttiva […].

(19a) Peress li l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-iskema CORSIA għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru bbażati barra mill-Unjoni huma maħsuba li jappartjenu biss għall-pajjiż ta' oriġini ta' dawn l-operaturi ta' inġenju tal-ajru, […] meta operatur ta' inġenju tal-ajru bbażat barra mill-Unjoni jkollu emissjonijiet sinifikanti minn titjiriet fiż-ŻEE, jew li jitilqu minn ajrudrom fiż-ŻEE lejn l-Iżvizzera jew lejn ir-Renju Unit, il-pajjiż li fih ikun ibbażat dak l-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jinnotifika wkoll differenzi rigward l-applikazzjoni tal-iskema CORSIA fir-rigward ta' titjiriet intra-Ewropej. Jenħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tinżamm taħt reviżjoni fid-dawl tal-iżviluppi f'dan ir-rigward.

(19b) Sabiex tiġi inċentivata l-parteċipazzjoni fl-iskema CORSIA u sabiex tiġi evitata l-koinċidenza tal-istrumenti tal-iskema CORSIA u tal-EU ETS għall-istess titjiriet, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru ma għandhomx ikunu meħtieġa li jċedu l-kwoti fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet lejn jew minn pajjiżi ħlief dawk taż-ŻEE, l-Iżvizzera u r-Renju Unit, li jitqiesu li qed jipparteċipaw fl-iskema CORSIA għall-finijiet tad-dritt tal-Unjoni.

(20) Sabiex jiġi żgurat trattament indaqs fuq ir-rotot, it-titjiriet lejn u minn pajjiżi li mhumiex qed jimplimentaw l-iskema CORSIA għall-fini tad-dritt tal-Unjoni għajr titjiriet li jitilqu minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE u li jaslu f'ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE, fl-Iżvizzera jew fir-Renju Unit jenħtieġ li jiġu eżentati mill-[…]obbligi li jċedu l-kwoti u li jitħassru l-unitajiet. Sabiex tiġi inċentivata l-implimentazzjoni sħiħa tal-iskema CORSIA mill-2027, l-eżenzjoni jenħtieġ li tapplika biss għall-emissjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2026 għaċ-ċediment tal-kwoti.

(21) Titjiriet lejn u mill-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati u mill-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw, kif iddefiniti min-Nazzjonijiet Uniti, li ma jimplimentawx l-iskema CORSIA għall-fini tad-dritt tal-Unjoni, għajr dawk l-Istati li l-PDG per capita tagħhom huwa daqs jew jaqbeż il-medja tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu eżentati mill-[…]obbligi li jċedu l-kwoti jew li jitħassru l-unitajiet mingħajr data tat-tmiem għall-eżenzjoni.

(22) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-eżenzjoni tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru mir-rekwiżiti […] ta' kumpens kif stabbilit fl-Artikolu 12(8) tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet lejn u minn pajjiżi li japplikaw l-iskema CORSIA b'mod inqas strett fil-liġi domestika tagħha, jew in-nuqqas ta' infurzar tad-dispożizzjonijiet ta' CORSIA b'mod ugwali għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru kollha skont l-Artikolu 25a(7) ta' dik id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex teżenta lil-linji tal-ajru bbażati fl-Unjoni mir-rekwiżiti […] ta' kumpens fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet fejn isseħħ distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni għad-detriment tal-linji tal-ajru bbażati fl-Unjoni minħabba implimentazzjoni jew infurzar inqas strett tal-iskema CORSIA fil-pajjiż terz. Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni tista' tiġi kkawżata minn approċċ inqas strett għall-[…]unitajiet eliġibbli jew dispożizzjonijiet ta' għadd doppju. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(23) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rotot bejn żewġ pajjiżi differenti li japplikaw l-iskema CORSIA fejn dawk il-pajjiżi jippermettu lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru jużaw unitajiet oħrajn minbarra dawk fil-lista adottata skont l-Artikolu 11a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE, skont l-Artikolu 25a(8) ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tippermetti lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fi Stat Membru jużaw tipi ta' unitajiet addizzjonali għal-lista adottata skont l-Artikolu 11a(8) jew li ma jkunux marbuta bil-kundizzjonijiet tal-Artikolu 11a(2) u (3). Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(23a) Il-fattur ta' emissjoni tal-pitrolju tal-ġettijiet (Ġett A1 jew Ġett A) skont l-EU ETS jenħtieġ li jiġi allinjat mal-fattur ta' emissjoni għal dak il-fjuwil stabbilit fl-Anness 16, Volum IV tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ffirmata fis-7 ta' Diċembru 1944 (il-Konvenzjoni ta' Chicago). Ma jsir l-ebda tibdil fil-livelli tal-allokazzjonijiet bħala riżultat taż-żieda fil-fattur ta' emissjoni tal-pitrolju tal-ġettijiet billi l-allokazzjonijiet bla ħlas għall-avjazzjoni qed jitwaqqfu, favur l-irkant biex ikun hemm tnaqqis akbar fl-emissjonijiet.

(24) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fir-rotot bejn żewġ pajjiżi terzi li jimplimentaw l-iskema CORSIA, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi delegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tal-aċċettazzjoni ta' […] unitajiet oħra fuq dawk ir-rotot. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[13]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jindirizzaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(25) Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-promozzjoni tal-aċċessibbiltà għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi pprovduta deroga temporanja mill-EU ETS sal-2030 għall-emissjonijiet minn titjiriet bejn ajrudrom li jinsab f'reġjun ultraperiferiku ta' Stat Membru u ajrudrom li jinsab fl-istess Stat Membru barra minn dak ir-reġjun ultraperiferiku sabiex jiġu ssodisfati l-aktar ħtiġijiet importanti tar-residenti f'termini ta' impjiegi, edukazzjoni u opportunitajiet oħra. Jenħtieġ li din id-deroga, għall-istess raġunijiet, tkopri titjiriet bejn ajrudromi li t-tnejn li huma jinsabu fl-istess reġjun ultraperiferiku jew f'reġjuni ultraperiferiċi differenti fl-istess Stat Membru.

(26) Approċċ komprensiv għall-innovazzjoni huwa importanti biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u għall-kompetittività tal-industrija Ewropea. Dan huwa ta' importanza partikolari għal setturi bħall-avjazzjoni u t-tbaħħir li huma diffiċli biex jiġu dekarbonizzati u fejn hemm bżonn li jintuża kombinament ta' titjib operazzjonali, fjuwils alternattivi newtrali għall-klima u soluzzjonijiet teknoloġiċi. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni ma jfixklux l-innovazzjonijiet u jkunu teknoloġikament newtrali. Fil-livell tal-UE, l-isforzi meħtieġa għar-riċerka u l-innovazzjoni, huma appoġġati fost l-oħrajn, permezz tal-Programm Qafas Orizzont Ewropa, li jinkludi finanzjament sinifikanti u strumenti ġodda għas-setturi li jaqgħu taħt l-ETS.

[13] ĠU L 123 12.5.2016, p. 1.

(26a) F'konformità mal-Artikolu 12(8) tad-Direttiva 2003/87/KE kif emendata bid-Deċiżjoni [XXX] [2021/0204 (COD)], l-Artikolu 12(6) u (7) ta' dik id-Direttiva għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2024 jew sa tmiem il-perjodu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, skont liema tkun l-ewwel data. L-iskadenza għall-perjodu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva hija l-31 ta' Diċembru 2023 u l-Artikolu 12(6) sa (8) tad-Direttiva 2003/87/KE għalhekk ser japplika fil-verżjoni ta' qabel l-emendi introdotti minn din id-Direttiva sa dik id-data.

(27) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħha, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi.

(28) Id-Direttiva 2003/87/KE għalhekk jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2003/87/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3c huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 2,

(b) jiżdiedu l-paragrafi 5, 5a, 5b, 6 u 7 li ġejjin:

"5. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati fir-rigward tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru għas-sena 2024 abbażi tal-allokazzjoni totali tal-kwoti fir-rigward tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru li kienu qed iwettqu attivitajiet tal-avjazzjoni li jaqgħu fl-Anness I fis-sena 2023, imnaqqsa bil-fattur lineari ta' tnaqqis speċifikat fl-Artikolu 9, u għandhom jippubblikaw dik il-kwantità, kif ukoll il-kwantità ta' allokazzjoni bla ħlas li kienet isseħħ fl-2024 […] skont ir-regoli għall-allokazzjoni bla ħlas fis-seħħ qabel l-emendi introdotti b'[din id-Direttiva emendatorja].

5a. Massimu ta' 20 miljun mill-kwantità totali ta' kwoti msemmija fil-paragrafu 5 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030 għandhom ikunu riżervati fir-rigward tal-operaturi ta' inġenju tal-ajru, fuq bażi mhux diskriminatorja għar-riforniment tal-fjuwils identifikati fl-Artikolu 4(1) ta' [ir-Regolament RefuelEU Aviation] għal titjiriet soġġetti għal kwoti li jċedu r-rekwiżiti skont l-Artikolu 12(3). Dawk il-kwoti għandhom jiġu allokati bl-istess mod bħal kuntratt għal differenza li jkopri parti mid-differenza fil-prezz kbira ħafna bejn il-pitrolju fossili filwaqt li jitqies il-prezz tal-karbonju u l-prezz tal-fjuwils rilevanti. Dawn għandhom ikopru 70 % tad-differenza fil-prezz kbira ħafna li jifdal bejn il-pitrolju fossili u l-fjuwils rilevanti **u 100 % tad-differenza fil-prezz li tifdal għall-użu ta' tali fjuwils f'ajruporti li jinsabu fi gżejjer iżgħar minn 10 000 km², ajruporti li mhumiex kbar biżżejjed biex jiġu definiti bħala ajruporti tal-Unjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament ReFuelEU Aviation jew ajruporti li jinsabu f'reġjun ultraperiferiku**. Jekk għal sena partikolari d-domanda għal kwoti għar-riforniment ta' tali fjuwils tkun ogħla mid-disponibbiltà tal-kwoti, dawn għandhom jitnaqqsu b'mod ugwali għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru kollha kkonċernati.

5b. Kull operatur ta' inġenju tal-ajru jista' japplika fuq bażi annwali għal allokazzjoni tal-kwoti għat-titjiriet, mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030, li għalihom iridu jiġu ċeduti kwoti abbażi tar-riforniment irrappurtat tal-fjuwils għal dawn it-titjiriet f'konformità mal-użu tal-fjuwils kif irrappurtat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066. L-Istati Membri għandhom jallokaw kwoti lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru soġġetti għad-disponibbiltà tal-kwoti u f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni msemmi fit-tielet subparagrafu.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali d-dettalji tad-differenza fl-ispejjeż bejn il-pitrolju fossili u l-fjuwils rilevanti fuq bażi annwali.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati għall-kalkolu annwali tad-differenza fil-kost u għall-allokazzjoni ta' kwoti għar-riforniment tal-fjuwils identifikati fl-Artikolu 4(1) ta' [ir-Regolament ReFuelEU Aviation] u tistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ffrankati f'konformità mal-użu tal-fjuwils kif irrappurtat skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 u l-arranġamenti biex jitqies il-prezz tal-karbonju fl-allokazzjoni.

Mill-1 ta' Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni rigward l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u tippreżenta r-riżultati tagħha f'rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien adegwat. Ir-rapport jista', jekk xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex tinċentiva r-riforniment tal-fjuwils identifikati fl-Artikolu 4(1) ta' [ir-Regolament ReFuelEU Aviation] permezz ta' strumenti oħra ħlief l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas, f'artikulazzjoni mar-rieżami li għandu jitwettaq skont l-Artikolu 14 ta' [ir-Regolament ReFuelEU Aviation].

6. Fir-rigward ta' titjiriet li jitilqu minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE li jaslu f'ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE, fl-Iżvizzera jew fir-Renju Unit, li ma kinux koperti mill-EU ETS fl-2023, il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu allokati lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandha tiżdied bil-livelli tal-allokazzjonijiet, inklużi l-allokazzjoni bla ħlas u l-irkant, li kien isir kieku kienu koperti mill-EU ETS f'dik is-sena, imnaqqsa mill-fattur lineari ta' tnaqqis speċifikat fl-Artikolu 9.

7. B'deroga mill-Artikoli 12(3), 14(3) u 16, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati u ma għandhom jieħdu l-ebda azzjoni kontra l-operaturi ta' inġenju tal-ajru fir-rigward tal-emissjonijiet li jseħħu sal-2030 minn titjiriet bejn ajrudrom li jinsab f'reġjun ultraperiferiku ta' Stat Membru u ajrudrom li jinsab […] fl-istess Stat Membru inkluż ajrudrom ieħor f'reġjun ultraperiferiku tal-istess Stat Membru;

(2) L-Artikolu 3d huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fis-snin mill-2024 sal-2026, 15 % tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 3c(5) u (6) kif ukoll sehem mill-85 % li jifdal tal-kwoti, li fir-rigward tagħhom tkun saret allokazzjoni mingħajr ħlas, għandhom jiġu rkantati. Il-bqija tal-kwoti f'dawk is-snin għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas. Is-sehem tal-kwoti li fir-rigward tagħhom tkun saret allokazzjoni mingħajr ħlas biex tiġi rkantata għandu jiżdied għas-snin rispettivi kif stabbilit hawn taħt.

Fl-2024, 25 % tal-kwantità tal-kwoti li fir-rigward tagħhom tkun seħħet allokazzjoni bla ħlas kif ippubblikata f'konformità mal-Artikolu 3c għandhom jiġu rkantati.

[…]

[…] Fl-2025, 50 % tal-kwantità tal-kwoti li fir-rigward tagħhom tkun seħħet allokazzjoni bla ħlas f'dik is-sena, ikkalkolata mill-pubblikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 3c għandha tiġi rkantata.

[…] Fl-2026, 75 % tal-kwantità tal-kwoti li fir-rigward tagħhom tkun seħħet allokazzjoni bla ħlas f'dik is-sena, ikkalkolata mill-pubblikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 3c għandha tiġi rkantata.

[…] Mill-1 ta' Jannar 2027, il-kwantità kollha ta' kwoti li fir-rigward tagħhom tkun seħħet l-allokazzjoni bla ħlas f'dik is-sena għandha tiġi rkantata, ħlief għall-kwantità ta' kwoti msemmija fl-Artikolu 3c(5a).

(b) jiżdied il-paragrafu 1a […] li ġej:

[…] 1a. Il-kwoti li jiġu allokati bla ħlas għandhom jiġu allokati lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru b'mod proporzjonali għas-sehem tagħhom ta' emissjonijiet ivverifikati mill-attivitajiet tal-avjazzjoni rrapportati fl-2023. Dan il-kalkolu għandu jqis ukoll l-emissjonijiet ivverifikati mill-attivitajiet tal-avjazzjoni rrapportati fir-rigward ta' titjiriet li huma koperti biss mill-EU ETS mill-1 ta' Jannar 2024. Sat-30 ta' Ġunju tas-sena rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu l-kwoti li huma allokati mingħajr ħlas għal dik is-sena.",

(c) jitħassar il-paragrafu 2,

(d) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza tinbidel ma' dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva dwar l-arranġamenti dettaljati għall-irkantar mill-Istati Membri ta' kwoti tal-avjazzjoni f'konformità mal-paragrafi 1 […] u 1a ta' dan l-Artikolu, inkluż il-modalitajiet tal-irkantar li jsiru neċessarji […] għat-trasferiment ta' sehem ta' dħul minn tali rkant għall-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala riżorsi proprji f'konformità mal-Artikolu 311(3) TFUE.",

(da) fil-paragrafu 3, fit-tielet sentenza, il-kliem "Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 3c(1), is-sena ta' referenza għandha tkun l-2010, u għal kull perjodu sussegwenti msemmi fl-Artikolu 3c" huma sostitwiti bi "Għal kull perjodu msemmi fl-Artikolu 13.";

(e) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu ta' dħul iġġenerat mill-irkant ta' kwoti koperti minn dan il-Kapitolu, ħlief għad-dħul stabbilit bħala riżorsi proprji f'konformità mal-Artikolu 311(3) tat-Trattat u mdaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni. L-Istati Membri […] jenħtieġ li jużaw dak id-dħul […] mill-irkant tal-kwoti f'konformità mal-Artikolu 10(3).";

(3) l-Artikoli 3e u 3f jitħassru;

[…][14]

(5) L-Artikolu 11a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 sa 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Soġġett għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew li **huma** reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu jistgħu jużaw l-unitajiet li ġejjin biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li jikkanċellaw unitajiet fir-rigward tal-kwantità nnotifikata kif stabbilit fl-Artikolu 12 (8) […].;

(a) krediti awtorizzati mill-partijiet li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu stabbilit skont l-Artikolu 6(4) tal-Ftehim ta' Pariġi;

(b) krediti awtorizzati mill-partijiet li jipparteċipaw fi programmi ta' kreditu li jkunu ġew ikkunsidrati eliġibbli mill-Kunsill tal-ICAO kif identifikati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 8;

---

[14] L-istess proposta qed issir ukoll fid-Direttiva emendatorja ġenerali, l-Artikolu 1(8), u hija ġġustifikata fil-premessa (25) ta' dik il-proposta. Peress li ż-żewġ dossiers mexjin b'mod parallel, huwa ssuġġerit li ssir il-bidla fil-proposta l-oħra biss fejn din tkun ġustifikata fil-premessi.

(c) krediti awtorizzati minn ftehimiet tal-partijiet skont il-paragrafu 5;

(d) krediti maħruġa fir-rigward ta' proġetti fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 24a.

2. L-unitajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, jistgħu jintużaw jekk ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) joriġinaw minn pajjiż li huwa parti għall-Ftehim ta' Pariġi fil-ħin tal-użu;

(b) joriġinaw minn pajjiż li huwa elenkat fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) bħala li qed jipparteċipa fl-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA). Din il-kundizzjoni ma għandhiex tapplika fir-rigward tal-emissjonijiet qabel l-2027, u lanqas ma għandha tapplika fir-rigward tal-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati u tal-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw, kif definit min-Nazzjonijiet Uniti, ħlief għal dawk il-pajjiżi li l-PDG per capita tagħhom huwa daqs jew jaqbeż il-medja tal-Unjoni.

3. L-unitajiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, jistgħu jintużaw jekk ikun hemm arranġamenti stabbiliti għall-awtorizzazzjoni mill-partijiet parteċipanti, isiru aġġustamenti f'waqthom għar-rapportar tal-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u tal-assorbiment minn bjar koperti mill-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali tal-partijiet parteċipanti, u li l-għadd doppju u ż-żieda netta fl-emissjonijiet globali jiġu evitati.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti aktar dettaljati għall-arranġamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu, li jistgħu jinkludu rekwiżiti ta' rapportar u ta' reġistru, u għall-elenkar tal-Istati jew tal-programmi li japplikaw dawn l-arranġamenti. L-arranġamenti għandhom iqisu l-flessibbiltajiet mogħtija lill-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati u lill-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw f'konformità mal-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).",

(c) il-paragrafu (4) jitħassar,

(d) jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jelenkaw […] l-unitajiet li jkunu ġew ikkunsidrati eliġibbli mill-Kunsill tal-ICAO, u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3. Il-Kummissjoni għandha temenda dik il-lista kif xieraq. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).";

(6) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. F'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-att […] ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 7, l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw il-kumpens kull sena għas-sena kalendarja preċedenti fir-rigward ta' titjiriet lejn, minn u bejn il-pajjiżi li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) u tat-titjiriet bejn l-Iżvizzera u r-Renju Unit u l-pajjiżi li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) […] u sat-30 ta' Novembru ta' kull sena jinfurmaw lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru.

F'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 7, l-Istati Membri għandhom jikkalkulaw ukoll ir-rekwiżiti ta' kumpens finali totali għal perjodu partikolari ta' konformità mal-iskema CORSIA u jinfurmaw lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru sat-30 ta' Novembru tas-sena ta' wara l-aħħar sena tal-perjodu ta' konformità rilevanti mal-iskema CORSIA.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin dwar il-livell ta' kumpens:

(a) l-operatur ta' inġenju tal-ajru jkollu ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew ikun reġistrat fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru;

(b) jipproduċu emissjonijiet annwali tas-$CO_2$ ta' aktar minn 10 000 tunnellata mill-użu ta' inġenji tal-ajru b'massa massima ċċertifikata waqt it-tlugħ mill-art ta' aktar minn 5 700 kg li jwettqu titjiriet koperti mill-Anness I, għajr dawk li jitilqu u li jaslu fl-istess Stat Membru (inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-istess Stat Membru), mill-1 ta' Jannar 2019.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mit-tipi ta' titjiriet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu:

(i) titjiriet Statali;

(ii) titjiriet umanitarji;

(iii) titjiriet mediċi;

(iv) titjiriet militari;

(v) titjiriet ta' tifi tan-nar.",

(b) jiżdiedu l-paragrafi 7, u 8 li ġejjin:

"7. […] Il-kalkolu tar-responsabbiltajiet ta' kumpens […] imsemmija fil-paragrafu 6 għall-fini […] tal-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali tal-ICAO għandu jsir fir-rigward tat-titjiriet lejn, minn u bejn il-pajjiżi li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3), u tat-titjiriet bejn l-Iżvizzera jew ir-Renju Unit u l-pajjiżi li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3). […]

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw f'aktar dettall il-metodoloġija għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kumpens għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-metodoloġija msemmija fl-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Protezzjoni Ambjentali għall-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali [...] msemmija fis-subparagrafu preċedenti. Madankollu, dawn għandu jkun fihom l-adattamenti meħtieġa għall-metodoloġija biex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).

L-ewwel att ta' implimentazzjoni bħal dan għandu jiġi adottat sa [l-1 ta' Mejju 2024 ]. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ebda operatur tal-inġenji tal-ajru kopert mill-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu ma jkun soġġett għal responsabbiltajiet ta' kumpens flimkien, u li jikkoinċidi, mal-obbligu tiegħu li jċedi l-kwoti f'konformità ma' din id-Direttiva fir-rigward tal-istess titjiriet matul il-perjodu ta' konformità mal-iskema CORSIA 2021-2023. "

8. […] L-operaturi ta' inġenju tal-ajru li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew li **huma** reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru, għandhom jikkanċellaw l-unitajiet imsemmija fl-Artikolu 11a biss fir-rigward tal-kwantità nnotifikata minn dak l-Istat Membru, f'konformità mal-paragrafu 6, fir-rigward tal-perjodu ta' konformità rilevanti mal-iskema CORSIA […]. Il-kanċellazzjoni għandha ssir sal-31 ta' Jannar 2025 għall-emissjonijiet fil-perjodu mill-2021 sal-2023, sal-31 ta' Jannar 2028 għall-emissjonijiet fil-perjodu mill-2024 sal-2026, sal-31 ta' Jannar 2031 għall-emissjonijiet fil-perjodu mill-2027 sal-2029, […] sal-31 ta' Jannar 2034 għall-emissjonijiet fil-perjodu mill-2030 sal-2032 u sal-31 ta' Jannar 2037 għall-emissjonijiet fil-perjodu mill-2033 sal-2035,";

(7) L-Artikolu 18a […] huwa emendat kif ġej:

(a) Fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 2, il-kliem "il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3c" huwa sostitwit bi "il-perjodu msemmi fl-Artikolu 13"

(b) Il-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) mill-2024, mill-inqas kull sentejn, tiġi aġġornata l-lista biex tinkludi l-operaturi ta' inġenju tal-ajru li sussegwentement wettqu attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Anness I. Fejn operatur ta' inġenju tal-ajru ma jkunx wettaq attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Anness I matul l-erba' snin kalendarji konsekuttivi ta' qabel l-aġġornament tal-lista, dak l-operatur ta' inġenju tal-ajru ma għandux jiġi inkluż fil-lista aġġornata.";

(8) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 3d(3), 10(4), 10a(1) u (8), 10b(5), […], 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikoli 24(3), 24a(1), 25a(1) u l-Artikolu 28c hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mit-8 ta' April 2018.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 3d(3), 10(4), 10a(1) u (8), 10b(5), […] 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikoli 24(3), 24a(1), 25a(1) u l-Artikolu 28c tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.",

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 3d(3), 10(4), 10a(1) u (8), 10b(5), […], 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikoli 24(3), 24a(1), 25a(1) u l-Artikolu 28c għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(9) Fl-Artikolu 25a, jiżdiedu l-paragrafi 3 […] sa 8 li ġejjin:

"3. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jelenka pajjiżi għajr pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u r-Renju Unit, li huma kkunsidrati li qed japplikaw l-iskema CORSIA għall-finijiet ta' din id-Direttiva, […]. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).

4. Rigward l-emissjonijiet minn titjiriet lejn jew minn pajjiżi li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru […] ma għandhomx ikunu meħtieġa jċedu l-kwoti skont l-Artikolu 12(3) […] fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet.

5. Fir-rigward tal-emissjonijiet li jseħħu sal-31 ta' Diċembru 2026 minn titjiriet bejn iż-ŻEE u pajjiżi li ma humiex elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3, għajr titjiriet lejn l-Iżvizzera u r-Renju Unit, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru ma għandhomx ikunu meħtieġa jċedu l-kwoti skont l-Artikolu 12(3) fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet […].

6. Fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet lejn u minn Pajjiżi l-Inqas Żviluppati u Stati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw kif iddefiniti min-Nazzjonijiet Uniti, minbarra dawk elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 3 u dawk l-istati li l-PDG per capita jkun indaqs jew jaqbeż il-medja tal-Unjoni, l-operaturi ta' inġenju tal-ajru ma għandhomx ikunu meħtieġa jċedu l-kwoti skont l-Artikolu 12(3) fir-rigward ta' dawk l-emissjonijiet […].

7. Fejn il-Kummissjoni tiddetermina li hemm distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni li hija ta' detriment għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew li **huma** reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex teżenta lil dawk l-operaturi tal-inġenji tal-ajru mir-rekwiżiti ta' ċediment kif stabbilit fl-Artikolu 12(8) fir-rigward tal-emissjonijiet minn titjiriet lejn u minn tali pajjiżi. Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni tista' tiġi kkawżata minn pajjiż terz li japplika l-iskema CORSIA b'mod inqas strett fil-liġi domestika tiegħu, jew li jonqos milli jinforza d-dispożizzjonijiet tal-iskema CORSIA b'mod ugwali għall-operaturi ta' inġenju tal-ajru kollha. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).

8. Meta l-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jkollhom ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew li **huma** reġistrati fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jippermettu lil dawk l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jużaw tipi ta' unitajiet addizzjonali għal dik il-lista jew li ma jkunux marbuta bil-kundizzjonijiet tal-Artikolu 11a(2) u (3) fir-rigward tal-emissjonijiet minn tali titjiriet. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).

(9a) Fl-Artikolu 28a(6), il-kliem "B'deroga mill-Artikoli 3g, 12, 15 u 18a" huma sostitwiti bi "B'deroga mill-Artikoli 12, 15 u 18a"

**(9b) Fl-Artikolu 30, jiżdied il-paragrafu li ġej:**

**6. Sal-2028, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt ta' din id-direttiva fuq il-konnettività għall-gżejjer u t-territorji remoti, fuq il-kompetittività u fuq ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.**

(10) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tabella, it-tieni paragrafu tal-entrata "Avjazzjoni" tal-kolonna "Attivitajiet"[15] huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Titjiriet bejn ajrudromi li jinsabu f'żewġ pajjiżi differenti li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) u titjiriet bejn l-Iżvizzera jew ir-Renju Unit u pajjiżi li huma elenkati fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 25a(3) u, għall-fini tal-Artikoli 12(6), 12(7) u 28c, kwalunkwe titjira oħra bejn ajrudromi li jinsabu f'żewġ pajjiżi terzi differenti minn operaturi ta' inġenju tal-ajru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-operatur ta' inġenju tal-ajru jkollu ċertifikat ta' operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru jew ikun reġistrat fi Stat Membru, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi, id-dipendenzi u t-territorji ta' dak l-Istat Membru;

15 Introdotta bid-deċiżjoni ta' notifika fil-formulazzjoni tagħha approvata mill-Coreper fid-dokument 9366/22 – tiddependi fuq l-eżitu finali tan-negozjati dwar 2021/0204 (COD).

(b) jipproduċu emissjonijiet annwali tas-$CO_2$ ta' aktar minn 10 000 tunnellata mill-użu ta' inġenji tal-ajru b'massa massima ċċertifikata waqt it-tlugħ mill-art ta' aktar minn 5 700 kg li jwettqu titjiriet koperti mill-Anness I, għajr dawk li jitilqu u li jaslu fl-istess Stat Membru (inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi tal-istess Stat Membru), mill-1 ta' Jannar 2019. Għall-finijiet ta' dan il-punt, l-emissjonijiet mit-tipi ta' titjiriet li ġejjin ma għandhomx jitqiesu: (i) titjiriet Statali; (ii) titjiriet umanitarji; (iii) titjiriet mediċi; (iv) titjiriet militari; (v) titjiriet ta' tifi tan-nar.".

(b) Fit-Tabella, fil-kolonna "Attivitajiet" fl-entrata "Avjazzjoni", fil-punt (i), il-kelma "30 000" hija sostitwita bi "50 000";

(10a) L-Anness Ia[16] jitħassar.

(11) Fl-Anness IV, Parti B, tiddaħħal is-sentenza li ġejja fl-aħħar tal-ħames paragrafu:

"Il-fattur ta' emissjoni tal-pitrolju tal-ġettijiet (Ġett A1 jew Ġett A) għandu jkun ta' 3,16 (t CO2/t ta' fjuwil).".

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2023. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawn il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu tali referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir tali referenza.

[16] Introdott bid-deċiżjoni ta' notifika fil-formulazzjoni tagħha approvata mill-Coreper fid-dokument 9366/22.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |